# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 997

KAZ. NRU. 795

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Brian Nurton

u

Dragonara Development Ltd
Peninsula Investments Ltd
Dragonara Resort Ltd u
Dragonara Palace Hotel

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 27 ta' Novembru 1998

**CHAIRMAN: DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**

**INTRODUZZJONI**

Illi b'ittra datata 13 t'Awissu, 1993, l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol lil dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant kiteb ittra datata 10 t'Awissu, 1993, indirizzata lill-istess Onor. Ministru, fejn allega li tkecca ngustament. B'ittra datata 23 t'Awissu, 1993, il-konsulent legali tieghu talab is-sostituzzjoni taghha, u difatti, it-

*terms of remit* gew korretti b'ittra lil dan it-Tribunal datata 27 t'Awissu, 1993.

Illi r-raguni moghtija fic-certifikat ta' temm ta' mpjieg datat 5 t'Awissu, 1993, liema mpjieg kien gie terminat fil-gurnata precedenti, kienet *'loss of trust in your ability to perform your duties'*.

Illi l-istess certifikat jindika bhala principal lis-socjeta' Dragonara Resort Limited.

**STATEMENTS OF CASE**

Illi fli statement of case tieghu, l-appellant jaghti l-isfond storiku ta' meta beda jahdem, ma' min, u meta spicca bit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, impjegat ma' min, dejjem fuq l-istess lant ta' xoghol. Fis-sena 1969 beda mad-Dragonara Palace Hotel, fl-14 ta' Frar, 1990, Dragonara Development Limited, 22 ta' Lulju, 1993, hadet *over* Peninsula Investments Limited, u fit-3 ta' Awissu, 1993, id-Dragonara Resort Limited. L-impjegati gew infurmati b'ittra fis-27 ta' Lulju, 1993 bit-trasferiment mid-Dragonara Development Limited lil Peninsula Investments Limited, u fid-9 t'Awissu, 1993, bl-ahhar trasferiment lil Dragonara Resort Limited. Tul iz-zmien kollu li hadem, huwa dejjem bl-ahjar abilita' tieghu, tant li spicca fil-kariga ta' Leisure Complex Manager wara diversi promotions fuq medda ta' snin. Fit-12 ta' Lulju, 1993 kien gie sospiz. Skond memo ta' Joe Abela - Chief Executive - lid-diretturi tal-Peninsula Investments Limited - datat 30 ta' Lulju, 1993, il-konkluzjoni tieghu kienet illi *'he is well meaning, but the new*

*company shall need managers with an ability to plan and organize, and to do it with imagination.'*

Illi li-*statement of case* tal-kumpaniji Peninsula Investments Limited u Dragonara Resort Limited huwa wiehed dettaljat u profuz ghall-ahhar. Huwa sostnut minn dokumenti li jmorru lura sas-sena 1990 ossia minn meta kien is-socjeta' Dragonara Development Limited. Hemm elenkat l-allegati nuqqasijiet tal-appellant matul dawk l-erba' (4) snin ossia sat-terminazzjoni tieghu. L-inqas deroga mill-mansjoni u responsabbilta' tieghu hija msemmija dokumentata u sottoskritta minn xejn anqas minn erba' superjuri tieghu cioe' Managing Director/Chief Executive, General Manager, Human Resources Manager u Food & Beverage Manager. In-nuqqasijiet tieghu kienu molteplici, varjanti minn skarsezza ta' uniformijiet, haddiema, indixxiplina tieghu u tan-nies li kien responsabbli ghalihom, eccess ta' overtime, *costings erronei*, *stocktaking* inezistenti, inpreparazzjoni ghall-istagun, nuqqas ta' *acumen* kummercjali.

Illi s-socjeta' Dragonara Development Limited intavolat *statement of case* originali , li bih, assocjat ruhha mal-*statement of case* tas-socjetajiet precedenti. Inoltre, gie sottomess *statement of case* ulterjuri stante li kien rizultanti li ma kien l-ebda rapport gjuridku u/jew industrijali ma' l-odjern appellant. Dana in vista tal-kuntratt datat 22 ta' Lulju, 1993, fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa, b'liema kuntratt is-socjeta' Peninsula Investments Limited ittrasferiet lil Dragonara Resort Limited il-kumpless. Ghalhekk, fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant, il-principal tieghu kienet l-ahhar socjeta'.

**<u>XHIEDA U FATTI</u>**

L-appellant xehed bl-aktar mod estensiv u dettaljat dwar l-allegazzjonijiet tas-socjetajiet intimati. Dana ghamlu fis-seduti tat-12 ta' Novembru, 1993, 18 ta' Frar, 1994, 15 t'April, 1994, 20 ta' Mejju, 1994 u 13 ta' Jannar, 1995. Huwa rribatta l-allegazzjoni ta' koncessjoni ta' eccess ta' overtime, fil-kaz tal-hamburgers, billi kien hemm kok li hallat ingredjent *(almond essence* flok *horse radish sauce*), sabiex jinqdew il-klijenti kellu ta' bilfors izommhom overtime. Il-gelat tpogga mal-hut, ghalkemm inkonsiljabbli, bhala mizura ta' emergenza. Il-*profit margin* tal-gelat Algida kien dak li kien, pero' meta jinxtara minghand l-agent, mhux jinbiegh. Il-*function* tas-sur Mahoney ma saritx peress li halla f'idejn is-sur Joe Abela. Il-costings tal-*function* ta' Mrs. Cusens trahhsu billi nqatghu l-*overtime/labour*. L-istock-taking kien isir b'mod regolari. Ha s-sick leave ghax kellu bzonnu u kien ibati minn arthrite. Is-*sunbeds* kienu qed jigu rrangati u fejn kien necessarju, rega' qabbad lill-haddiema biex jergghu jahsluhom.

Michael Seychell Human Resources Manager, prodott mis-socjetajiet intimati, xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 1995, illi l-appellant kien responsabbli ghal erba' haddiema *full timers* u bejn tletin u erbghin *part-timer*. Pero', dawn fis-sajf. Huwa illmenta fil-konfront tal-appellant, illi kien jezercita nuqqas ta' kontroll u dixxiplina sia fuqu n-nifsu u sia fuq il-haddiema ta' tahtu. Kien jikkoncedi eccess ta' overtime. Kien hemm diversi kazijiet li oggetti nstabu nieqsa, u flok kien jiehu passi kontra l-istess haddiema tieghu, kien jaqbez ghalihom. Fi kliemu stess, kull fejn tara, kien hemm *shortages*. Allura trid tohrog ic-*charges* biex imbaghad jigu *followed up* bhala kazi ta' dixxiplina. Ghax b'hekk biss tista' tikkontrolla l-haddiema.

Ma kienx imur tajjeb mal-membri tal-management - Bottone, Cassar, Baldacchino, Farrugia, Walter Mallia. Bhala posizzjoni, l-appellant kien jokkupa t-tielet jew raba' post fil-gerarkija tal-kumpanija. Huwa kien manager. Ghalhekk ma kienx jinghata warnings u/jew sospensjonijiet fil-konfront tas-suesposti nuqqasijiet grossolani tieghu. Kienu jithaddtu u jitkellmu mieghu. Jekk tmur tajjeb, izzommu, jekk le, ma zzommhux. Ghax-xhud, l-iskambju tal-korrispondenza u memos kien ekwivalenti ghal warnings.

Joe Abela xehed fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 1995. Huwa kien General Manager fis-snin 1988 - 1993. Kien hu, bhala Executive Director, li kien ta parir lill-Bord tad-Diretturi fit-30 ta' Lulju, 1993, tas-socjeta' Dragonara Resort Limited biex jigi terminat l-impjieg tal-appellant.......'il-mod kif jagixxi u jmexxi ma kienx salutari lejn l-interessi tal-kumpanija'

Ralph Bottone - Deputy General Manager - xehed fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 1995. Huwa ghamel riferenza ghar-relazzjonijiet tal-appellant mal-management u mal-haddiema l-ohra. Ma kienux ottimali ma' tal-ewwel, u ghar-rigward tat-tieni, kien ihallihom wisq fil-liberta'.

Fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 1995, xehed Joseph Farrugia - Financial Controller. Dana xehed fuq ir-rizultanti *shortages* li kienu jezistu, specjalment wara *stock taking*. Edward Restall - Assistant Food & Beverage Manager - xehed fuq id-diskrepanzi li kienu jezistu fl-stock, ossia jew zejjed jew bin-nieqes. Joseph Baldacchino - Personnel Manager - xehed fuq il-kaz ta' Reno Micallef, li dan kien ghamel complaint fuq xi nuqqasijiet li kien fil-bar tar-Reef Club.

Illi l-appellant, in vista tax-xhieda prodotti mis-socjetajiet intimati, ipprezenta zewg affidavits in risposta fit-12 ta' Jannar u 23 ta' Frar, 1996. Fl-istess, huwa ta l-verzjonijiet tieghu *in extenso* ghal dak riprodott sia oralment u sia dokumentarjament. Dawn saru bl-aktar mod akkurat u dettaljatament, episodju wara episodju, incident wara incident.

Illi l-istess appellant, in sostenn tal-komportament u atteggjament tieghu fuq il-post tax-xoghol, ipproduca *in difesa* lil tlett impjegati ossia Leonard Bowman - Reservations and Front Office Manager, Salvu Gellel - Complex Chef, u Joseph Gatt - Supervisor. Dawn it-tlieta li huma xehdu b'mod l-aktar pozittiv fuq l-agir tal-appellant.

Illi l-appellant, fis-seduta tat-30 ta'Jannar, 1997, ipprezenta affidavit ulterjuri fejn gew esibiti ittri ta' ringrazzjament u rakkomandazzjoni. Ta xhieda ulterjuri fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 1997.

Illi Michael Seychell rega' xehed fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 1996, fejn ipprezenta *attendance sheets* tal-appellant, fid-29 ta' Novembru, 1996, fejn l-*iter* storiku tal-post tax-xoghol *in dezamina*, u kompla fis-seduti tat-30 ta' Jannar u s-7 ta' Marzu, 1997. Joe Abela rega' xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 1997, li ta spjegazzjoni fid-dettal tal-*iter* kummercjali tal-kumpless sal- mument tat-temm tal-impjieg tal-apellant.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi t-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li, qabel ma jghaddi biex jikkunsidra u jiddetermina din il-kwistjoni tax-xoghol fuq il-

binarju proprio tal-meritu, huwa ghandu fl-ewwel lok jiddikjara min hu u/jew huma l-propri legittimi kontradditturi ghat-talbiet tal-appellant fil-konfront tas-socjetajiet intimati. Dana ghaliex fil-kors tat-trattazzjoni profligwa ta' din il-kwistjoni, irrikorriet b'mod regolari l-incidenza ta' min suppost u proprjament kellu jirrispondi fil-konfront tal-appellant.

Illi ghar-rigward tal-intimat 'DRAGONARA PALACE HOTEL', jigi rilevat illi dan dahal fl-istorja ghas-semplici raguni li l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg datata 4 t'Awissu, 1993, bil-firma ta' Michael Seychell fil-kwalita' tieghu ta' Human Resources Manager, tinsab dattilografata fuq *'letter-head'* tal-istess Hotel. Xejn izjed, xejn anqas. Hadd ma deher sabiex jirraprezentah u wisq anqas sabiex jassistih u jiddefendih. Issir riferenza ghal decizjonijiet sia ta' dan it-Tribunal u sia tal-Qrati Ordinarji tal-Gustizzja illi entitajiet simili ma ghandhomx *'locus standi iudicio'* peress li dawn mhumiex gjuridici. Bizzejjed issir menzjoni tal-kaz ta' Joseph Borg Bartolo vs Corinthia Group of Companies deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. L-involviment tieghu l-anqas ippresta ruhu bhala wiehed necessarju da parti dottrinali.

Illi fit-tieni lok, ghandha tigi rilevata u ssir riferenza ghall-eccezzjoni kontenuta fli statement of case ulterjuri tas-socjeta' Dragonara Development Limited., prezentata fis-seduta tal-15 t'April, 1994. Jigi ribadit illi ghalkemm ma kinitx kompletament korretta, il-fondatezza fil-gist taghha jezisti, u kif. Di fatti, il-kuntratt datat 22 ta' Lulju, 1993, fl-atti tan-Nutar Dr. Clyde La Rosa, ghalkemm prezentat tardivament fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 1997, jirregola t-trasferiment minn Dragonara Development Limited lil Peninsula Investments Limited. Il-haddiema gew informati b'ittra datata 27 ta' Lulju,1993, mibghuta mill-istess Dragonara Development Limited. Fid-9 t'

Awissu, 1993, il-haddiema gew infurmati illi l-principal gdid taghha sar id-Dragonara Resort Limited, stante li din dahlet f'operation agreement bhala *'a wholly owned subsidiary'* mas-socjeta' Peninsula Investments Limited. Kopja ta' dan il-ftehim baqa' ma giex esibit u ghalhekk baqa' mistur il-kontenut u portata tieghu. Ix-xhieda ta' Michael Seychell u Joe Abela, zewg ufficjali mill-aktar gholjin, flimkien mal-indikazzjonijiet kontenuti fic-certifkat tat-temm ta' mpjieg, jimmilitaw favur din it-tezi tas-socjeta' Dragonara Development Limited.

Illi pero' dan it-Tribunal jirrileva li dan l-argument fondat ghandu jkollu l-meta' naturali tieghu ad oltranza. Dan ifisser illi, mid-dokumenti u xhieda riprodotti, illi fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant, il-principal proprio tieghu kienet is-socjeta' Dragonara Resort Limited. Huwa veru illi l-parti kontraenti w akkwirenti fil-kuntratt tat-22 ta' Lulju,1993, kienet is-socjeta' Peninsula Investments Limited. Jerga' jigi ribadit illi l-ittra tad-9 t'Awissu, 1993, dattilografata fuq letter-head tas-socjeta' Dragonara Resort Limited taghti din l-informazzjoni u tistabilixxi dan l-istat industrijali, lavorattiv u kontrattwali. Spjegazzjoni piu' che lucida giet moghtija minn Michael Seychell fis-seduta tas-7 ta' Marzu,1997. Dan jinsab suffragat sia mill-istess Joe Abela u sia mic-certifikat tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant. Il-Peninsula Investments Limited hija l-proprjetarja tal-kumpless, li kellu jigi operat minn sussidjarja taghha, cioe' Dragonara Resort Limited. Dan gie sanat billi anki mill-lat amministrattiv u sindakali, gew segwiti l-proceduri kollha relattivi u opportuni - unions, taxxa, etc.

Illi ghalhekk l-uniku legittimu kontradittur li ghandu jirrispondi ghat-talbiet tal-odjern appellant hija s-socjeta' Dragonara Resort Limited. Di fatti, anke li statement of case

datat 15 t'Ottubru,1993, gie pprezentat u ffirmat minn Michael Seychell fil-kwalita' tieghu ta' Human Resources Executive f'isem u ghan-nom tal-istess Dragonara Resort Limited, oltre li sar f'isem l-istess socjeta'.

Illi ghandhu jigi sollevat ukoll li fil-kuntratt tat-trasferiment indikat aktar il-fuq, hemm stipulat is-segwenti kondizzjoni li tghid, '*The purchasing company acknowledges that it will become responsible to the staff whom they are obliged to retain in employment or re-employ. The purchasing company shall pay all the sums due to the staff since the 25th May,1993. Until such time, as these sums are paid, the debt to the staff is a civil debt also due to the vendor company which will be still bound to pay it. Upon payment to staff, this civil debt is to be released.*'. Is-socjeta' akkwirenti assumiet l-istess haddiema, u mbaghad ghaddiethom lid-Dragonara Resort Limited. Taht liema kondizzjonijiet it-Tribunal ma ghandux konjizzjoni peress illi l-parti li setghet tillumina dan it-Tribunal naqset li taghmel dan. Pero' jigi prezunt li bl-istess kondizzjonijiet stante li kif gie spjegat u ammess, kienet l-*operating company* tal-*holding company*.

Illi kienet l-istess Dragonara Resort Limited illi tterminat l-impieg tal-appellant. Illi ghalkemm kien l-istess appellant li ssolleva din il-problema, is-socjeta' Dragonara Resort Limited ma naqsitx mill-obbligi taghha fil-konfront tal-appellant. Ma giet moghtija l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens. Assumiet l-impenn taghha, anzi, bhal li kieku l-appellant kien minn dejjem fl-imjieg taghha, tant li l-istess socjeta' l-anqas biss irrikorriet ghad-difiza tant *di facile* spedizzjoni tal-probation. Li okkorra kien li nbidel biss is-sid mentri l-post tax-xoghol baqa' l-istess.

Illi, it-Tribunal, obiter, jirrileva ulterjorament illi anki fuq il-fattispecie tal-kaz proprju, 'l hekk imsejha nuqqasijiet tal-appellant ma kellhomx jikkostitwixxu fondament bizzejjed biex jitkecca l-appellant. Di fatti, fl-ebda okkazzjoni ma nghata warning formali. Il-fatt ta' skambjament ta' memos interni bejn il-kontendenti dwar il-gestjoni w operazzjoni tal-azjenda ma jikkostitwux il-warning rikjesta mill-ligi u prattika kostanti u gurisprudenza ta' dan it-Tribunal, kif tallega erroneament is-socjeta' intimata. Il-warning huwa kaz gravi ghal kull impjegat ghax jista' jwassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu. Il-fatt li qed jinghata warning ghandu jkun soffermat mill-principal lill-impjegat tieghu b'tali mod li ma jhalli l-ebda dubbju f'mohh min qed jircevih, illi qed formalment jinghata warning. Dan ma ghandu fl-ebda cirkostanza jigi prezunt, izda konvincentement stabbilit. Inoltre mhux verosimili li principal idum snin shah jiehu pacenzja b'impjegat tieghu pero' din l-istess pacenzja tisbroffa f'mument hekk kritiku ghall-istess azjenda. Jekk l-appellant kien daqshekk inkompetenti, dan il-pass messu ttiehed qabel. Ghax jekk le, mela kien tajjeb ghas-socjetajiet ta' qabel izda ghall-ahhar wahda, le. Inoltre l-iskambjament tal-memos ma kienx f'direzzjoni wahda. Iz-zewg partijiet ipproducew patafjum ta' dokumenti li jaghtu storja tal-hajja pjuttost vivaci li kienet tezisti fuq il-post tax-xoghol. Kien jinqala' ftit minn kollox.

Kien indikattiv li fix-xhur estivi kien ikun hemm moviment uman u socjali fil-complex. Wara kollox, il-kaz jikkoncerna persuna b'26 sena esperjenza. L-incidenti ndikati mill-princpal gew ampjament ribattuti u spjegati mill-appellant. L-izball tal-kok meta ghamel il-hamburgers bl-essenza flok horse radish sauce, kellu jitpogga l-gelat mal-hut minhabba li l-freezer kienet bil-hsara, bejgh u xiri ta' provizjon u dawk l-affarijiet l-ohra

kollha li jiffurmaw parti mill-gestjoni gjornaliera ta' kumpless estiv.

Il-fatt li l-appellant kien jirrispondi u jaghti spjegazzjoni tal-akkadut m'ghandux ipoggih f'dawl erroneu f'ghajnejn it-Tribunal. Jista' ikun li ma kellux karattru sottomettenti, pero' b'daqshekk ma jfissirx li ma kellux l-abbilta' biex jaqdi dmiru, u tajjeb. Jista' jkun ukoll illi dik il-persuna ma kenitx idonea u/jew ben vista mill-management il-gdid u/jew ma kenitx tinkwadra ruhha fil-pjanijiet il-godda ghall-kumpless. Il-principal tieghu, in vista tal-kariga minnu okkupata, setghet titterminalu l-impjieg tieghu, pero' skond il-ligi. Dina ghar-ragunijiet taghha li huma evidenti, ghazlet li ma taghmlux, u l-appellant kellu jirrikorri lejn dan it-Tribunal sabiex jiehu dak li haqqu.

**LIKWIDAZZJONI TA' KUMPENS**

In vista tal-fatt li l-appellant kien jokkupa kariga manigerjali, it-Tribunal ma jistax jordna li s-socjeta' intimata Dragonara Resort Limited terga' timpjega l-appellant. *Del resto*, l-anqas l-istess appellant ma huwa qed jitlob dana.

Sabiex it-Tribunal jasal ghall-kumpens gust, ghandhu jittiehed in konsiderazzjoni l-eta' avvanzata tal-appellant (56 sena), u vicin ferm l-eta' penzjonabbli, id-diffikulta' massima biex isib xoghol alternattiv bhal dak li kellu, il-posizzjoni li kellu, flimkien mas-salarju ta' cirka mitt lira maltija (lm100) settimanali. Tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal jillikwida l-istess kumpens dovut fl-ammont ta' ghaxart'elef lira maltija (Lm10,000).

**KONKLUZJONI**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara illi fl-ewwel lok, Dragonara Development Limited, Peninsula Investments Limited u Dragonara Palace Hotel mhumiex il-legittimi kontradittturi u qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u fit-tieni lok, is-socjeta' intimata Dragonara Resort Limited, bhala principal tal-appellant, itterminat l-impjieg tal-appellant ghal ragunijiet mhux validi u gusti, u bhala kumpens tikkundannaha thallas is-somma ta' ghaxart'elef lira maltija (lm10,000), lill-istess appellant, kif ukoll li taghti certifikat nadif ta' terminazzjoni tal-impjieg.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definittivament terminata.

Bhala drittijiet dovuti lil konsulenti tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erbghin lira maltija (Lm40) ossia l-massimu.

-------------------------------
**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**